

**RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET
IFFINANZJATI MIT-8, ID-9 U L-10 FONDI
EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP (FEŻ)**

(2012/C 344/02)

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>
Introduzzjoni	1-11
Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	2-11
Kapitolu I — implimentazzjoni tat-8, id-9 u l-10 FEŻ	12-16
Implimentazzjoni finanzjarja	12-15
Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-8 sal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	16
Kapitolu II — Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mill-qorti dwar il-FEŻ	17-59
Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-Awditur Indipendenti	I-X
Informazzjoni li tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni	17-53
Ambitu u approċċ tal-verifika	17-18
Affidabbiltà tal-kontijiet	19-20
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	21-30
Effettività tas-sistemi	31-53
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	54-59
Konklużjonijiet	54-57
Rakkomandazzjonijiet	58-59

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-Rapport Annwali jippreżenta l-valutazzjoni mill-Qorti tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Fit-**Tabella 1** tingħata informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2011.

Tabella 1 — Fondi Ewropej għall-Iżvilupp — Informazzjoni prinċipali

(EUR miljun)

Titolu tal-Baġit	Qasam tal-politika	Deskrizzjoni	Pagamenti 2011	Mod ta' Ġestjoni
Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	it-8 FEŻ	Nefqa amministrattiva	0	
		Nefqa operazzjonali		
		Proġetti	8	Ċentralizzata u diretta
		Appoġġ Baġitarju	0	Ċentralizzata u diretta
		Proġetti	19	Ċentralizzata u indiretta
		Proġetti	59	Deċentralizzata
		Proġetti	3	Ġestjoni konġunta
			89	
	id-9 FEŻ	Nefqa amministrattiva	3	
		Nefqa operazzjonali		
		Proġetti	112	Ċentralizzata u diretta
		Appoġġ Baġitarju	77	Ċentralizzata u diretta
		Proġetti	- 4	Ċentralizzata u indiretta
		Proġetti	591	Deċentralizzata
		Proġetti	127	Ġestjoni konġunta
			906	
	l-10 FEŻ	Nefqa amministrattiva	90	
		Nefqa operazzjonali		
Proġetti		210	Ċentralizzata u diretta	
Appoġġ Baġitarju		660	Ċentralizzata u diretta	
Proġetti		29	Ċentralizzata u indiretta	
Proġetti		407	Deċentralizzata	
	Proġetti	483	Ġestjoni konġunta	
		1 879		

Total tan-nefqa amministrattiva 93

Total tan-nefqa operazzjonali (Proġetti) 2 044

Total tan-nefqa operazzjonali (Appoġġ Baġitarju) 737

Total tal-pagamenti ⁽¹⁾ 2 874

Total tal-impenji individwali ⁽¹⁾ ⁽²⁾ 2 509

Total tal-impenji globali ⁽¹⁾ ⁽²⁾ 3 049

⁽¹⁾ Ammonti netti għas-Sena Finanzjarja 2011.

⁽²⁾ Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament. Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' data mogħtija mid-DĠ DEVCO.

Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

2. Il-FEŻ huwa l-istrument prinċipali għall-għoti tal-għaj-nuna mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej (OCTs). Il-ftehim ta' sħubija, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou"), huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u l-OCTs. Huwa ċċentrat fuq l-oġettiv tat-tnaqqis u eventwalment tal-eradikazzjoni tal-faqar, konsistenti mal-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi AKP u l-OCTs fl-ekonomija dinjija. Huwa bbażat fuq tliet pilastri komplementari:

- il-kooperazzjoni għall-iżvilupp,
- il-kooperazzjoni ekonomika u tal-kummerċ, u
- id-dimensjoni politika.

3. Il-FEŻ huma ffinanzjati mill-Istati Membri, irregolati mir-regolamenti finanzjarji tagħhom stess u ġestiti barra l-qafas tal-Baġit Ġenerali tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli mill-implimentazzjoni finanzjarja ta' operazzjonijiet ifffinanzjati b'riżorsi mill-FEŻ. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iġesti l-Faċilità ta' Investment li mhijiex koperta mid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti jew mill-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾ ⁽²⁾.

4. Operazzjonijiet ifffinanzjati minn kull FEŻ huma pprogrammati fil-bidu tal-perjodu kopert. Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż, imħejji mill-Kummissjoni u mill-Istat AKP jew l-OCT ikkonċernat wara konsultazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' parteċipanti fil-proċess tal-iżvilupp, jistabilixxi l-oġettivi u l-istrateġiji għall-iżvilupp tal-pajjiż fuq medda medja ta' żmien. Huwa jindika wkoll l-allokazzjoni finanzjarja programmabbli tal-UE li minnha jista' jgawdi l-pajjiż jew l-organizzazzjoni reġjonali.

3. *Ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Investment huma żgurati permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-Faċilità tal-Investment, mill-verifika finanzjarja esterna annwali tagħha kif ukoll permezz tas-sorveljanza tal-operazzjonijiet tagħha mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

⁽¹⁾ Ara l-Artikoli 118, 125 u 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1) u l-Opinjoni tal-Qorti Nru 9/2007 dwar il-proposta għal dan ir-Regolament (ĠU C 23, 28.1.2008, p. 3).

⁽²⁾ Ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti (l-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008) jistabilixxi regoli għall-verifika ta' dawn l-operazzjonijiet mill-Qorti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ġie varat fl-1 ta' Diċembru 2010. Is-SEAE jħejji d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għal allokkazzjonijiet għall-pajjiżi, dokumenti ta' strateġija għall-pajjiżi u reġjonali u programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali b'mod konġunt mad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni, bħala parti miċ-ċiklu tal-ipprogrammar għall-biċċa l-kbira tal-istrumenti għall-azzjoni esterna.

6. Wara l-ħolqien tas-SEAE u r-riorganizzazzjoni tal-Kummissjoni fl-2011, id-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (EuropeAid), li kien għadu kemm inħoloq, għaqad flimkien l-għarfien espert dwar il-politika tad-Direttorat Ġenerali preċedenti għall-Iżvilupp u r-Relazzjonijiet mal-Istati AKP mar-riżorsi implimentattivi tal-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni EuropeAid preċedenti. F'Ġunju 2011 l-istruttura organizzattiva ġdida għall-EuropeAid daħlet fis-seħħ u ġew stabbiliti stqarrijiet tal-missjoni ġodda fil-livelli tad-direttorat ġenerali, tad-direttorat u tal-unità. Il-EuropeAid jimplimenta firxa wiesgħa tal-istrumenti ta' assistenza esterna tal-Kummissjoni⁽³⁾ ffinanzjati mill-FEŻ u mill-baġit ġenerali⁽⁴⁾. Fl-2011, kważi l-interventi kollha tal-FEŻ kienu ġestiti mill-EuropeAid. Proporzjon żgħir minnhom⁽⁵⁾ kien relatat mal-għajnuna umanitarja u kien ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (id-DĠ ECHO).

7. L-interventi tal-FEŻ huma implimentati permezz ta' proġetti u appoġġ baġitarju⁽⁶⁾ taħt tliet metodi prinċipali ta' implimentazzjoni⁽⁷⁾ (ara t-**Tabella 1**):

(a) taħt ġestjoni ċentralizzata (42 % tal-pagamenti fl-2011), il-Kummissjoni timplimenta l-attivitajiet tal-għajnuna diretta;

⁽³⁾ L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument ta' Finanzjament għall-Promozzjoni tad-Demokrazija u tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument għall-Istabbiltà, l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari, il-faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

⁽⁴⁾ Ara l-Kapitolu 7 "Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir" tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

⁽⁵⁾ Li jirrappreżenta 1,2 % tal-pagamenti li saru fl-2011.

⁽⁶⁾ L-appoġġ baġitarju jinvolvi t-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni għat-teżor nazzjonali tal-pajjiż imsieħeb biex jiġu pprovduti riżorsi baġitarji addizzjonali għall-appoġġ ta' strateġija għall-iżvilupp nazzjonali.

⁽⁷⁾ L-Artikoli 21 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(b) taħt ġestjoni konġunta (21 % tal-pagamenti fl-2011), l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma responsabbli mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, bil-kundizzjoni li l-proċeduri ta' kontabilità, verifika, kontroll u akkwist tal-organizzazzjonijiet joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment. L-imsieħba prinċipali tal-EuropeAid huma l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji;

(c) taħt ġestjoni deċentralizzata (37 % tal-pagamenti fl-2011), il-Kummissjoni tista' tafda l-ġestjoni ta' ċerti kompiti lill-awtoritajiet ta' pajjiżi benefiċjarji. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, taħt ġestjoni deċentralizzata għad iridu jibqgħu jintużaw il-proċeduri tal-Kummissjoni, u l-EuropeAid tibqa' responsabbli mit-tweqqif ta' kontrolli *ex ante* (eż. fuq proċeduri ta' akkwist u fatturi) u mit-tweqqif ta' pagamenti lil kuntratturi.

8. L-għajnuna esterna ffinanzjata mill-FEŻ u mill-baġit ġenerali hija implimentata f'ambjent ta' riskju għoli, b'mod notevoli minħabba attivitajiet imxerda ġeografikament, u l-firxa wiesgħa ta' strumenti tal-kooperazzjoni, il-metodi ta' twassil, ir-regoli u l-proċeduri finanzjarji proprji, u l-organizzazzjonijiet implimentattivi. Barra minn hekk, ħafna pajjiżi msieħba għandhom kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi dgħajfa.

9. Il-Ftehim ta' Cotonou fih dispożizzjoni ⁽⁸⁾ illi l-assistenza baġitarja diretta għandha tingħata bħala appoġġ għal riformi makroekonomiċi jew settorjali, b'mod notevoli fejn il-ġestjoni finanzjarja pubblika (PFM) tkun biżżejjed trasparenti, responsabbli u effettiv.

8. Il-Kummissjoni ttaffi dawn ir-riskji permezz ta' identifikazzjoni sostanzjalment bikrija u ta' interventi ta' korrezzjoni. EuropeAid (fil-QĠ u fid-delegazzjonijiet) twettaq kontroll minn qabel ta' livell għoli *ex ante* kemm f'termini ta' kopertura kif ukoll f'termini tan-natura ta' dawn il-kontrolli, billi tmur lil hinn mis-salvagwardji finanzjarji meħtieġa mil-leġiżlazzjoni. Il-miżuri preventivi għandhom ukoll rwol sinifikanti ħafna fl-istrategġija ta' kontroll inkluż l-għoti ta' taħriġ sostanzjali lill-persunal tal-Kummissjoni kif ukoll taħriġ imfassal b'mod speċjali għall-persunal tal-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni Nazzjonali (National Authorising Officer's — NAO). Barra minn hekk "Appoġġ tal-NAO" iddaħħal fis-seħħ f'għadd ta' pajjiżi.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 61(2).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10. Dawn id-dispożizzjonijiet legali joffru ambitu wiesa' għall-interpretazzjoni⁽⁹⁾ u dak li jitqies bħala "suffiċjenti" f'dak li jirrigwarda t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-effettività fil-PFM jista' jvarja bil-kbir, skont is-sitwazzjoni speċifika tal-pajjiż iżda wkoll skont id-direzzjoni li jieħu l-gvern tiegħu. Taħt ċirkustanzi bħal dawn, ta' min jiftakar li:

- (a) L-appoġġ baġitarju ta' sikwit jiġi pprovdut lil pajjiżi b'sistemi dgħajfa tal-PFM. Riskju importanti huwa li l-baġit tal-pajjiż benefiċjarju jista' jkun milqut minn frodi u korruzzjoni. Minħabba li l-fondi trasferiti taħt operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju jiġu inkorporati ma' riżorsi baġitarji oħra fi ħdan il-baġit tal-pajjiż (magħruf bħala "funġibbiltà"), huma wkoll esposti għall-istess dgħufijiet tal-PFM.
- (b) Peress li l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju huma implimentati permezz tas-sistemi, tal-proċessi u tal-istituzzjonijiet tal-PFM tal-pajjiżi msieħba, il-verifika mill-Qorti tal-legalità u r-regolarità ma tistax tmur lil hinn mill-istadju meta l-għajnuna titħallas fil-baġits tal-pajjiżi msieħba.
- (c) Il-Kummissjoni għandha flessibbiltà wiesgħa biex tiddeċiedi jekk pajjiż imsieħeb huwiex eliġibbli għal appoġġ baġitarju. Minħabba dan l-ambitu wiesa' għall-interpretazzjoni, l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju mwettqa mill-Kummissjoni huma inqas suxxettibbli għal żbalji ta' legalità u regolarità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10. (a)–(c) Il-Kummissjoni ma taqbilx għal kollox mal-analiżi tal-Qorti dwar l-operat ta' appoġġ baġitarju.

L-appoġġ baġitarju jopera fil-kuntest tal-iżvilupp fejn is-sistemi ewlenin tal-gvern bħall-ġestjoni finanzjarja pubblika jista' jkollhom dgħufijiet kbar. Madankollu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà huma rigorużi. Pajjiż imsieħeb huwa eliġibbli għall-appoġġ baġitarju biss meta l-gvern ikollu fis-seħħ strateġija kredibbli u rilevanti biex jindirizza dawn id-dgħufijiet. Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrikjedi miżuri fuq terminu qasir ta' żmien biex jittaffew ir-riskji. Linji gwida baġitarji ġodda⁽¹⁾ (li kienu riveduti fl-2012 wara l-proposti tal-Kummissjoni⁽²⁾) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 għal strateġija ġdida għall-Appoġġ Baġitarju) issa jinkludu numru ta' dispożizzjonijiet ġodda biex jiġu ċċarati aktar ir-regoli. Dawn jinkludu regoli ta' eliġibbiltà ġodda dwar it-trasparenza u s-supervizzjoni, proċess formali ta' valutazzjoni tar-riskju u qafas ta' governanza b'ġestjoni avvanzata.

L-appoġġ baġitarju mhux immirat, huwa mfassal biex jippremjja r-riżultati aktar milli jiffinanzja l-attivitajiet. Għalhekk huwa ċar li l-verifika ma tistax tmur lil hinn mill-istadju fejn il-fondi huma trasferiti wara l-kisba tal-kondizzjonijiet mistiehma. Madankollu, il-verifika ta' attivitajiet li jistgħu jiffinanzjaw il-ħlasijiet għas-sostenn tal-baġit, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tal-verifika li għalihom il-programmi akkompanjanti joffru appoġġ konkret.

Dan il-mekkaniżmu għat-twassil tal-għajnuna jirrappreżenta wieħed mill-modi li bih il-Kummissjoni wiegħbet għal sejħiet mill-komunità għall-iżvilupp internazzjonali u l-partijiet interessati fl-UE għal interventi iktar effettivi li jiffokaw fuq ir-riżultati u s-sjieda u huma inqas kumplessi amministrattivament, biex b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjoni għall-pajjiżi sieħba.

⁽⁹⁾ Ara l-paragrafu 46 tar-Rapport Annwali tal-Qorti fuq l-attivitajiet ifffinanzjati mis-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp (EDFs) għas-sena finanzjarja 2003 (ĠU C 293, 30.11.2004, p. 315).

⁽¹⁾ Ara http://ec.europa.eu/europeaid/what/economic-support/documents/guidelines_budget_support_en.pdf.

⁽²⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Futura tal-Apoġġ Baġitarju tal-UE lil Pajjiżi Terzi (COM 2011 - 638 finali)

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

11. Pagamenti lil organizzazzjonijiet internazzjonali għal azzjonijiet b'ħafna donaturi huma wkoll soġġetti għal riskji speċifiċi parzjalment minħabba l-approċċ nozzjonali adottat mill-Kummissjoni ⁽¹⁰⁾.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

11. Il-Kummissjoni mhix konxja ta' xi problemi speċifiċi "bl-istrateġija konċettwali" li għet żviluppata fis-snin riċenti biex tippermetti lill-Kummissjoni tipparteċipa f'azzjonijiet b'bosta donaturi inkluż fondi fiduċjarji). Din l-istrateġija tiggarrantixxi li r-rekwiżiti legali applikabbli għall-finanzjament tal-UE f'azzjonijiet esterni jiġu sodisfatti (billi jiżgura li l-ammont ikkontribwit minn donaturi oħra jkun suffiċjenti biex iħallas għal xi attività li hija ineliġibbli skont ir-regoli tal-UE) filwaqt li l-fondi tal-UE jintefqu bl-aktar mod effiċjenti (permezz ta' koordinazzjoni tad-donatur), f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Il-Kummissjoni tillimita dan ir-riskju billi tevalwa l-kontabbiltà, il-verifika, il-kontroll intern u l-proċeduri ta' akkwist tal-organizzazzjonijiet internazzjonali msieħba qabel kull ħidma konġunta, il-preżenza tal-persunal tagħha fil-qasam (u l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' tmexxija) u rappurtaġġ finanzjarju totali rigoruż meħtieġ mill-organizzazzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet esterni, is-sistemi huma riveduti regolament permezz tat-tweqqif ta' missjonijiet ta' verifika mwettqa minn awdituri esterni.

L-awdituri tal-EuropeAid u ECHO għadhom sal-lum ma rrapportaw ebda sejbiet jew "riskji speċifiċi" ta' dan it-tip.

Il-Kummissjoni temmen li dawn il-miżuri ta' kontroll intern li hi stabbilixxiet flimkien ma' dawk tal-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata jillimitaw dan ir-riskju teoretiku għal livell fejn tabilħaqq huwa negliġibbli.

KAPITOLU I — IMPLIMENTAZZJONI TAT-8, ID-9 U L-10 FEŻ

Implimentazzjoni finanzjarja

12. Fl-2011, it-8, id-9 u l-10 FEŻ kienu implimentati b'mod simultanju. Kull ftehim tal-FEŻ normalment jiġi konkluż għal perjodu ta' impenn ta' madwar ħames snin, iżda l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu itwal. It-8 FEŻ (1995-2000) jammonta għal EUR 14 625 miljun u d-9 FEŻ (2000-2007) għal EUR 15 200 miljun.

⁽¹⁰⁾ Għal spjegazzjoni dwar dan l-approċċ nozzjonali, ara l-paragrafu 7.11 tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

13. L-10 FEŻ (2008-2013) jammonta għal EUR 22 682 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 21 967 miljun jiġu allokati lill-pajjiżi AKP u EUR 285 miljun lill-OCTs. Dawn l-ammonti jinkludu EUR 1 500 miljun u EUR 30 miljun għall-faċilità ta' investiment ġestita mill-BEI għall-pajjiżi AKP u OCT rispettivament. Fl-aħħar nett, EUR 430 miljun huma assenjati għan-nefqa tal-Kummissjoni għall-ipprogrammar u għall-implimentazzjoni tal-FEŻ.

14. Fl-2011, il-kontribuzzjonijiet totali mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ammontaw għal EUR 3 100 miljun, bl-inklużjoni tal-aħħar sejħa għal EUR 660 miljun taħt id-9 FEŻ u l-ewwel kontribuzzjonijiet ta' EUR 2 440 miljun taħt l-10 FEŻ.

15. It-**Tabella 2** turi l-użu kumulattiv tar-riżorsi tal-FEŻ ġestiti mill-Kummissjoni u l-implimentazzjoni finanzjarja tagħhom. Għall-2011, l-impenji indiviwalni kienu taħt il-mira bi 13 %, partikolarment minħabba dewmien fl-ikkuntrattar ta' programmi importanti dwar l-infrastruttura, u impenji globali sinifikanti li saru matul l-aħħar xhur tal-2011. Il-pagamenti kienu inqas milli ppjanat b'16 %, prinċipalment minħabba żborżi ta' appoġġ baġitarju aktar baxxi, għax il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ma kinux intlaħqu fxi każijiet, u minħabba dewmien fi proġetti dwar l-infrastruttura. Pagamenti pendenti u impenji antiki u inattivi li ma ntefqux ⁽¹⁾ baqgħu stabbli meta mqabbla mal-2010.

15. *EuropeAid kisbet 101% (EUR 3 279 m) tal-mira tal-impenji globali ta' EUR 3250 M. Madankollu l-kuntratti u l-ħlasijiet kienu kemxejn taħt il-mira, notevolment minħabba deċizzjonijiet li saru mill-EuropeAid sabiex ma jħallsux il-programmi ta' appoġġ għall-baġit minħabba li ma nkisbux il-kundizzjonijiet tal-ħlas (pereżempju, fir-Repubblika Afrikana Ċentrali minħabba nuqqasijiet fiskali importanti u n-nuqqas ta' programm tal-FMI u fil-Benin minħabba prestazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-istrategġija nazzjonali għall-iżvilupp u l-pass bil-mod tar-riformi fil-ġestjoni finanzjarja pubblika).*

Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-8 sal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

16. Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-FEŻ ⁽¹²⁾. Fl-opinjoni tal-Qorti, dan ir-rapport jippreżenta deskrizzjoni preċiża tal-ilħuq tal-obiettivi operazzjonali tal-Kummissjoni għas-sena finanzjarja (b'mod partikolari dwar implimentazzjoni finanzjarja u attivitajiet tal-kontroll), kif ukoll tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet imwettqa fl-2011.

⁽¹⁾ Impenji antiki li ma ntefqux huma fondi impenjati aktar minn ħames snin ilu u li għadhom ma ntefqux. Impenji inattivi li ma ntefqux huma fondi impenjati iżda li kkontrattati u li lanqas ma ntefqu f'aktar minn sentejn.

⁽¹²⁾ L-Artikoli 118 u 124 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

Tabella 2 — Użu kumulattiv tar-riżorsi tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2011

(EUR miljun)

	Sitwazzjoni fi tmiem l-2010		Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2011 (ammonti netti) ⁽⁶⁾				Sitwazzjoni fi tmiem l-2011				
	Ammont konsolidat	Rata ta' implimentazzjoni ⁽²⁾	it-8 FEŻ ⁽³⁾	id-9 FEŻ ⁽³⁾	l-10 FEŻ	Ammont konsolidat	it-8 FEŻ	id-9 FEŻ	l-10 FEŻ	Ammont konsolidat	Rata ta' implimentazzjoni ⁽²⁾
A — RIŻORSI ⁽¹⁾	48 797		- 38	70	25	57	10 663	16 552	21 639	48 854	
B — UŻU											
1. Impenji globali ⁽⁴⁾	37 778	77,4 %	- 60	- 9	3 118	3 049	10 640	16 454	13 735	40 827	83,6 %
2. Impenji individwali ⁽⁵⁾	32 324	66,2 %	- 13	8	2 514	2 509	10 494	15 691	8 648	34 833	71,3 %
3. Pagamenti	26 334	54,0 %	90	905	1 879	2 874	10 330	14 026	4 852	29 208	59,8 %
C — Pagamenti pendenti (B1-B3)	11 444	23,5 %	- 150	- 914	1 239	175	310	2 428	8 883	11 619	23,8 %
D — Bilanċ disponibbli (A-B1)	11 019	22,6 %	22	79	- 3 093	- 2 992	23	98	7 904	8 027	16,4 %

⁽¹⁾ Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, id-9 u l-10 FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.

⁽²⁾ Bħala perċentwal tar-riżorsi.

⁽³⁾ Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' diżimpenji.

⁽⁴⁾ Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament.

⁽⁵⁾ Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

⁽⁶⁾ Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

Sors: Il-Qorti tal-Awdituri, ibbażata fuq rapporti tal-FEŻ dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u r-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2011.

KAPITOLU II — ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI MILL-QORTI DWAR IL-FEŻ

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-Awditur Indipendenti

I — Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 141 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ, li japplika wkoll għall-FEŻ preċedenti, il-Qorti vverifikat:

- (a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9 u tal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp li jikkonsistu fir-rapporti finanzjarji ⁽¹³⁾ u fir-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011; u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet fi ħdan il-qafas legali tal-FEŻ fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li għall-amministrazzjoni (ġestjoni) finanzjarja tagħha hija responsabbli l-Kummissjoni ⁽¹⁴⁾.

Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

II — Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għat-8, għad-9 u għall-10 FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-FEŻ u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati:

- (a) Ir-responsabbiltà tal-Maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-FEŻ tinkludi: it-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern relevanti għat-thejġija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa, abbażi tar-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-FEŻ ⁽¹⁵⁾; u t-twettiq ta' stimuli kontabilistiċi li jkunu raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi. Il-Kummissjoni tapprova l-kontijiet annwali tal-FEŻ.
- (b) Il-mod kif il-maniġment jeżerċita r-responsabbiltà tiegħu għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jiddependi mill-metodu ta' implimentazzjoni tal-FEŻ previst fir-Regolamenti Finanzjarji tal-FEŻ. Il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni (ġestjoni) finanzjarja tajba, li jirrikjedi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti bl-inklużjoni ta' sorveljanza adegwata u l-miżuri xierqa sabiex jipprevjenu irregolaritajiet u frodi u, jekk ikun meħtieġ, jiftħu proċedimenti legali sabiex jirkupraw fondi li jkunu tħallsu jew intużaw meta ma kinux dovuti. Irrispettivament mill-metodu ta' implimentazzjoni applikat, il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

⁽¹³⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u t-tabella ta' partiti pagabbli lill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

⁽¹⁴⁾ Skont l-Artikoli 2, 3, 4, 125(4) u 134 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni ma testendix għall-parti tar-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-BEI u li għalihom huwa responsabbli.

⁽¹⁵⁾ Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità. Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-rapporti finanzjarji għas-sena finanzjarja 2011 ġew ippreparati abbażi ta' dawn ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-FEŻ, li jadattaw il-prinċipji ta' kontabilità bbażata fuq l-akkumulazzjoni (id-dovuti) għall-ambjent speċifiku tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-FEŻ ikomplu jkunu bbażati primarjament fuq iċ-ċaqliq tal-likwidità.

Ir-responsabbiltà tal-Awditur

III — Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

IV — Awditu (Verifika) jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta daww ir-riskji, l-awditur iqis il-kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet u r-rapport ta' attività annwali.

V — Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

L-affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

VI — Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9 u tal-10 FEŻ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli tal-kontabilità adotati mill-uffiċjal tal-kontabilità.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

VII — Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Impenji

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

VIII — Fl-opinjoni tal-Qorti, l-impenji li fuqhom bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Il-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

IX — Il-verifika tal-Qorti wriet li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma parzjalment effettivi. L-istima mill-Qorti tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-pagamenti mid-8, mid-9 u mill-10 FEŻ hija ta' 5,1 %.

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

X — Fl-opinjoni tal-Qorti minħabba s-sinifikanza tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu dwar il-bażi għall-opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma materjalment milquta minn żball.

Is-26 ta' Lulju 2012

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Informazzjoni li tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni*Ambitu u approċċ tal-verifika*

17. L-osservazzjonijiet fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ deskritti fil-paragrafu VI tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, huma bbażati fuq verifika tar-rapporti finanzjarji⁽¹⁶⁾ u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tat-8, tad-9, u tal-10 FEŻ⁽¹⁷⁾. Abbażi ta' testijiet, il-verifika eżaminat evidenza relatata mal-ammonti u l-iżvelar. Hija inkludiet valutazzjoni tal-prinċipji tal-kontabilità użati, l-istimi sinifikanti magħmula mill-maniġment u l-preżentazzjoni ġenerali tal-kontijiet.

18. L-approċċ u l-metodoloġija tal-verifika ġenerali tal-Qorti fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet huma deskritti fl-Anness 1.1, il-Parti 2, tal-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit. L-osservazzjonijiet fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-FEŻ, deskritti fil-paragrafi VII sa X tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni huma bbażati fuq il-komponenti li ġejjin:

- (a) verifika tal-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet ta' dħul;
- (b) verifika ta' kampjun ta' 193 tranżazzjoni, li jikkorrispondu għal 30 impenn globali u 163 pagament interim u finali magħmula minn delegazzjonijiet jew mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni⁽¹⁸⁾. Fejn kien meħtieġ, organizzazzjonijiet implimentattivi u benefiċjarji finali nżaru fuq il-post sabiex jiġu konfermati l-pagamenti ta' bażi ddikjarati fir-rapporti finanzjarji jew fid-dikjarazzjonijiet tal-ispiża;
- (c) valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fil-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid u fid-delegazzjonijiet; din kopriet l-elementi li ġejjin:
 - (i) l-ambjent tal-kontroll u l-istandards tal-kontroll intern;
 - (ii) kontrolli *ex ante* ta' kuntratti u pagamenti mill-uffiċjali awtorizzanti, inklużi l-uffiċjali awtorizzanti nazzjonali;

⁽¹⁶⁾ Ara l-Artikolu 122 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008: ir-rapporti finanzjarji għandhom jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tad-dħul u l-infiq tal-flus, u t-tabella ta' elementi pagabbli lill-FEŻ.

⁽¹⁷⁾ Ara l-Artikolu 123 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008: ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għandhom jinkludu tabelli li jiddeskrivu l-appropriazzjonijiet, l-impjenji u l-ħlasijiet.

⁽¹⁸⁾ EuropeAid: 125 proġett u 30 pagament għall-appoġġ baġitarju; DG ECHO: 8 pagamenti għal proġetti fuq l-għajnuna umanitarja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

- (iii) monitoraġġ u sorveljanza;
 - (iv) verifiki esterni;
 - (v) verifika interna;
- (d) analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni, li inkludiet il-valutazzjoni tar-rapport ta' attività annwali tal-EuropeAid.

Affidabbiltà tal-kontijiet

19. Il-Qorti sabet li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tad-dħul u l-infiq tal-flus tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji rispettivi u r-regoli tal-kontabilità rilevanti adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità.

20. Bħal fi snin preċedenti, il-kontrolli proprji tal-Qorti u tal-EuropeAid (ara l-paragrafu 40) identifikaw frekwenza għolja ta' żbalji ta' kodifikazzjoni⁽¹⁹⁾. Filwaqt li l-verifika tal-Qorti sabet li r-rapporti finanzjarji huma ħielsa minn żball materjali, l-iżbalji ta' kodifikazzjoni jibqgħu sors ta' tħassib peress li jistgħu jolqtu l-preċiżjoni tad-*data* użata għat-tħejjija tal-kontijiet annwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċizzju annwali ta' qtugħ il-linja fi tmiem is-sena⁽²⁰⁾.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

21. L-**Annex I** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet.

Dħul

22. Il-verifika mill-Qorti tat-tranżazzjonijiet tad-dħul sabet li dawn kienu ħielsa minn żball materjali.

19. *Il-Kummissjoni tilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pożittiva tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ.*

20. *Il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti u se tkompli ttejjeb il-kwalità tad-dejta miżmuma fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni dwar l-ġhajmuna esterna (CRIS). Madankollu, kif ġie ddikjarat mill-Qorti, żbalji ta' kodifikazzjoni ma kellhom ebda impatt materjali fuq il-kontijiet annwali.*

Ara wkoll it-tweġiba għal paragrafu 58(b).

⁽¹⁹⁾ Eż.: it-tip ta' kuntratt, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-kuntratt, il-mod ta' ġestjoni.

⁽²⁰⁾ L-eżerċizzju ta' qtugħ il-linja jfittex li jiżgura li kemm id-dħul kif ukoll in-nefqa jiġu reġistrati b'mod komplet u preċiż fil-perjodu ta' kontabilità korrett.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Impenji

23. Il-verifika mill-Qorti tal-impenji sabithom ħielsa minn żball materjali.

Pagamenti

24. Il-verifika tal-Qorti sabet li l-pagamenti kienu milquta minn żball materjali. L-ittestjar mill-Qorti tal-kampjun tagħha ta' 163 tranżazzjoni sabet li 54 (33 %) kienu milquta minn żball. Ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata mill-Qorti hija ta' 5,1 % ⁽²¹⁾.

25. Għal dak li jirrigwarda l-133 pagament għall-proġetti kkampjunati, 47 (35 %) kienu milquta minn żbalji, li minnhom 29 (62 %) kienu żbalji kwantifikabbli. Għat-30 pagament għall-appoġġ baġitarju ttestjati, 7 (23 %) kienu milquta minn żbalji, li kollha kemm huma kienu żbalji mhux kwantifikabbli.

Pagamenti għall-proġetti

26. Għat-tranżazzjonijiet relatati ma' proġetti, il-biċċa l-kbira tal-iżbalji nstabu fi ftehimiet ta' għotjiet u ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali; mill-45 tranżazzjoni ttestjati, 26 (58 %) kienu milquta minn żball. L-istimi tal-programm ⁽²²⁾ ġew żvelati wkoll bħala suxxettibbli għal żball, u nstabu żbalji f'10 mis-27 tranżazzjoni ttestjati.

24-26. Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha biex tipprevjeni, tiskopri u tikkoreġi tali żbalji fl-2012.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza l-pluriannwalità tal-arkitektura ta' kontroll tal-EuropeAid li jfisser li xi żbalji sstolineati mill-Qorti kienu se jiġu korretti f'perjodu aktar tard fi ħdan iċ-ċiklu normali ta' kontrolli tal-għajjnuna esterna. Kważi żewġ terzi tal-pagamenti fil-kampjun jirrigwardaw tranżazzjonijiet bħal ħlasijiet interim jew ħlasijiet li għalihom il-verifiki u l-korrezzjonijiet għadhom jistgħu jsiru fil-ħlas finali.

Barra minn hekk, il-kontrolli tal-Kummissjoni tan-nefqa fuq l-għajjnuna esterna ma tiqafx bil-ħlasijiet finali. Programm estensiv ta' verifiki ex post huwa mmexxi mill-EuropeAid u l-ECHO fuq bażi annwali, fuq il-baży ta' proċess ta' valutazzjoni formali tar-riskju.

Madankollu, minħabba l-ambjent ta' riskju għoli li fi h joperaw l-iżvilupp u l-għajjnuna umanitarja, ir-riskju ta' żball finanzjarju realistikament ma jistax jitnaqqas għal żero.

⁽²¹⁾ Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha ta' żball minn kampjun statistiku rappreżentattiv. Iċ-ċifra kwotata hija l-aħjar stima (magħrufa bħala l-MLE). Il-Qorti għandha 95 % fiduċja li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn LEL 2,0 % u UEL 8,1 % (il-limiti ta' żball inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

⁽²²⁾ Normalment kull sena titħejja stima tal-programm biex tistabbilixxi programm ta' hídma u r-riżorsi meħtieġa biex dan jitwettaq. Hija implimentata mill-istituzzjoni jew mill-benefiċjarju kkonċernat iżda soġġetta għal approvazzjoni minn qabel mir-rappreżentant tal-pajjiż insieħeb u mill-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

27. Mis-47 tranżazzjoni tal-proġetti milquta minn żball, 26 kienu diġà ġew soġġetti għal verifiki esterni kkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-benefiċjarju. Mid-29 tranżazzjoni milquta minn żbalji kwantifikabbli, 11 kienu pagamenti finali li kienu diġà sarulhom kontrolli tal-Kummissjoni ⁽²³⁾.

28. It-tipi ta' żbalji kwantifikabbli misjuba fil-pagamenti għall-proġetti kienu jikkonċernaw:

- (a) okkorrenza: nuqqas ta' fatturi jew dokumenti oħra ta' sostenn biex tiġi ġustifikata n-nefqa (li laqat ħames tranżazzjonijiet, il-prefinanzjament approvat għal nefqa mhux imġarrba minn benefiċjarji (li laqat tliet tranżazzjonijiet) u kwantitajiet ikklejmjati ogħla mix-xogħlijiet imwettqa (li laqtu tliet tranżazzjonijiet);
- (b) eliġibbiltà: nefqa mġarrba barra l-perjodu ta' implimentazzjoni jew relatata ma' attivitajiet u servizzi mhux inklużi fil-kuntratt (li laqtet ħames tranżazzjonijiet, VAT ineliġibbli (li laqtet erba' tranżazzjonijiet), nuqqas ta' konformità ma' proċeduri ta' akkwist mill-benefiċjarju (li laqat erba' tranżazzjonijiet), nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-orijini jew nazzjonalità (li laqat tliet tranżazzjonijiet) u nuqqas ta' konformità mal-limiti tal-allowances ta' kuljum (tranżazzjoni waħda);
- (c) preċiżjoni: żbalji fil-kalkolu (li laqtu tranżazzjoni waħda) u użu ta' rati tal-kambju skorretti (li laqat tliet tranżazzjonijiet).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

27. Kontrolli ex ante għandhom jitqiesu fil-kuntest tas-sistema globali ta' kontroll minħabba li verifiki ex post u kontrolli oħra jistgħu xorta waħda jsiru wara l-aħħar ħlas.

28. (a)-(c) L-osservazzjonijiet tal-Qorti juru b'mod komprensiv l-isfidi prinċipali meta wieħed jaħdem ma' organizzazzjonijiet implimentattivi u pajjiżi sieħba fil-kuntest tal-iżvilupp u l-ġhajnuna umanitarja.

Dwar iż-żamma ta' dokumenti ta' prova, il-EuropeAid implimentat pjan ta' azzjoni biex ittejjeb iż-żamma tar-rekords u l-arkivjar fid-delegazzjonijiet fl-2012.

Għall-approvazzjoni, EuropeAid nediet riflessjoni interna biex tiċċara l-interpretazzjoni ta' "spejjeż li saru" għall-iskopijiet ta' approvazzjoni li wasslu għal dawn l-iżbalji. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn huma żbalji li jikkoreġu ruħhom billi l-approvazzjoni li teċċedi l-kost għandha tkun koperta min-nefqa sussegwenti.

Rigward nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-orijini, il-Kummissjoni tenfasizza li l-legalizzazzjoni fis-seħħ ma tippredix derogi għall-orijini ta' regoli tajba AKP/UE, fejn debitament ġustifikat. EuropeAid taċċetta li l-kuntratturi kellhom f'ċerti każijiet jagħmlu talba għal deroga, iżda tikkunsidra li xi wħud minn dawn l-iżbalji, fejn il-kondizzjonijiet li jippermettu deroga mir-regola kienu fis-seħħ, ma kellhom ebda impatt finanzjarju.

Il-VAT għadha kwistjoni li tisfida l-eliġibbiltà u hija s-suġġett ta' proposti ġodda fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni topera f'pajjiżi fejn huwa diffiċli jekk mhux impossibbli għall-kuntratturi (li spiss huma NGOs) biex jiksbu pagamenti obligatorji tal-VAT li jitħallsu lura mill-istat.

⁽²³⁾ Ara wkoll il-paragrafu 7.17 tal-Kapitolu 7 "Relazzjonijiet esterni, ġhajnuna u tkabbir" tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Eżempji ta' żbalji jingħataw hawn taħt.

Eżempji ta' żbalji

Nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' akkwist u nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn

Il-Qorti eżaminat pagament finali skont ftehim ta' għotja li jipprevedi provvista ta' ilma, sanitazzjoni u promozzjoni tal-iġjene u appoġġ għall-ġestjoni mtejba tar-riżorsi naturali fl-Etjopja. Ingħataw kuntratti fuq il-bażi li l-fornituri ggarantixxew aċċess għal spare parts u faċilitajiet ta' manutenzjoni, għalkemm dan ma kienx kriterju stabbilit fl-avviż ta' offerti. Barra minn hekk, parti min-nefqa ma setgħetx tkun ikkorroborata minn dokumenti ta' sostenn minħabba l-kwalità insodisfaċenti tar-rekords kontabilistiċi tal-benefiċjarju. L-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarju biex iwettqu l-verifikazzjoni tan-nefqa ma kinux identifikaw dawn il-problemi.

Nuqqas ta' konformità mar-regola tal-orijini

Nefqa taħt għotja għall-elettrifikazzjoni rurali fil-Możambik relatata ma' provvisti li ma kkonformawx mar-regola tal-orijini: provvisti li oriġinaw miċ-Ċina, u mhux mill-Unjoni Ewropea jew inkella l-pajjiżi AKP. L-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarju biex jverifikaw in-nefqa ma kinux identifikaw din il-problema.

Eżempji ta' żbalji

Nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' akkwist u nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn

L-aċċess għall-partijiet ta' sostituzzjoni u faċilitajiet ta' manutenzjoni huwa fattur importanti fl-għotja tal-kuntratt li jikkonċerna x-xiri ta' vetturi, notevolment fpajjiżi fejn dan l-aċċess huwa diffiċli. Fiż-żmien tal-avviż dwar kuntratt sar żball mill-benefiċjarju fejn ma kkomunikax dan il-kriterju lill-fornituri potenzjali. Madankollu, l-għażla tal-fornitur li lilu ngħata l-kuntratt ma qisitx id-disponnibbiltà preżunta tal-partijiet ta' sostituzzjoni u servizzi ta' manutenzjoni. Barra minn hekk, il-verifika ta' dan il-kuntratt kienet għet prevista fl-ippjanar tal-awditjar tal-2010 wara l-valutazzjoni tar-riskju tad-delegazzjoni.

Nuqqas ta' konformità mar-regola tal-orijini

Il-leġislazzjoni fis-seħħ ma tippermettix speċifikament għal deroga mir-regoli tal-orijini tal-oġġetti AKP/UE, fejn debitament ġustifikat. Bħalissa huwa kważi impossibbli li jiġu evitati fornimenti elettriċi mhux UE/AKP meta jiġu implimentati dawn it-tipi ta' proġetti fl-Afrika. Il-benefiċjarju jmissu talab deroga mill-Kummissjoni li kienet tkun debitament ġustifikata.

29. It-tipi ta' żbalji mhux kwantifikabbli l-aktar frekwenti kienu jikkonċernaw dokumenti ta' sostenn insuffiċjenti (li laqtu 14-il tranżazzjoni) u n-nuqqas ta' aġġustament ta' garanziji tal-prestazzjoni wara bidliet fil-kuntratt (li laqat 3 tranżazzjonijiet).

Pagamenti għall-appoġġ baġitarju

30. Għal dak li jirrigwarda l-pagamenti għall-appoġġ baġitarju, l-iżbalji mhux kwantifikabbli rriżultaw minn nuqqas ta' preżentazzjoni strutturata tal-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà għax il-kisbiet tal-PFM ma tqabblux mal-objettivi stabbiliti għall-perjodu taħt analiżi.

29. Ara t-tweġiba għall-paragrafu 28(a)-(c).

30. Fil-każijiet speċifiċi kkonċernati, il-Kummissjoni qed tfitteq biex iġġib l-istimi tagħha konformi mal-prassi standard tagħha kif applikati fpajjiżi oħra. Dan huwa bbażat fuq valutazzjoni annwali tal-progress kontra miri u għanijiet identifikati b'mod ċar li jirriżultaw f'demostrazzjoni strutturata tal-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà. F'għadd ta' każijiet fl-2011 il-Kummissjoni żammet il-ħlasijiet meta ma kinitx sodisfatta li kien sar progress suffiċjenti f'dan il-qasam.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Effettività tas-sistemi

31. L-**Annex 2** fih sommarju tar-riżultati tal-eżami mill-Qorti tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll. Il-Qorti tqis li s-sistemi huma parzjalment effettivi.

32. Kif indikat fil-paragrafu 6, il-EuropeAid jimplementa l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' assistenza esterna ffinanzjati mill-baġit ġenerali u mill-FEŻ. Għaldaqstant, sakemm ma jgħix speċifikat mod ieħor, l-osservazzjonijiet tal-Qorti li jikkonċernaw kemm l-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll kif ukoll l-affidabbiltà tar-rapport ta' attività annwali ("ir-rapport ta' attività annwali") u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-2011 jirreferu għall-qasam ta' responsabbiltà tal-EuropeAid.

Ambjent ta' kontroll

33. Il-EuropeAid għandu strateġija ta' kontroll ċara għall-prevenzjoni jew id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji u l-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira huma implimentati. Huwa għandu pjan ta' azzjoni biex isaħħaħ is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tiegħu ⁽²⁴⁾ li jindirizza l-biċċa l-kbira tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti annwali preċedenti tal-Qorti. Fl-2011 il-EuropeAid introduċa b'mod notevoli l-verżjoni l-ġdida tar-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Assistenza Esterna (RĠAE) (ara l-paragrafu 39) u ħareġ is-"Sett ta' Għodod ta' Ġestjoni Finanzjarja għal dawk li jirċievu fondi tal-UE għal azzjonijiet esterni" (ara l-paragrafu 41).

Il-Kumitat ta' Direzzjoni għall-Appoġġ tal-Baġit li għadu kemm inħoloq, magħmul minn Diretturi u d-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid se jeżamina, fost kwistjonijiet oħra, il-każijiet sensittivi kollha. Dan ser itejjeb il-governanza u l-valutazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà.

Ara wkoll it-tweġibiet għall-paragrafi 10 u 15.

31. *Ara t-tweġiba għall-paragrafu 56.*

33. *Gwida oħra twessgħet ukoll b'mod sinifikanti inkluż il-pubblikazzjoni fl-2011 ta' Gwida Prattika għal Kuntratti li tinsab fuq l-internet kif ukoll modulu tat-tagħlim elettroniku fuq l-istess suġġett disponibbli permezz tal-internet li jagħmel l-għotja tal-kuntratt u l-gwida għall-immaniġġjar disponibbli pubblikament wara li ssir talba — notevolment għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet implimentattivi.*

⁽²⁴⁾ Pjan ta' azzjoni għal piramida msaħħa ta' ġestjoni u kontroll tal-EuropeAid, 19.11.2010.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

34. Ir-rapport ta' attività annwali jindika li l-politika tar-riżorsi umani kompli baqgħet ta' tħassib persistenti⁽²⁵⁾ minħabba r-rata għolja ta' tibdil tal-persunal u r-riorganizzazzjoni li seħħet f'nofs l-2011 (ara l-paragrafu 6). Kawża għal tħassib kienet li l-membri tal-persunal tal-EuropeAid kienu qegħdin jintużaw għal kompiti li ma jinkludux dawk tal-ġestjoni tal-għajnuna u li kienu lil hinn mil-limiti ta' flessibilità li fuqhom kien sar qbil mas-SEAE. Il-EuropeAid tqis li, jekk ma jitwettaqx bilanċjar mill-ġdid tar-riżorsi, dan se jkollu impatt negattiv fuq l-assigurazzjoni li tista' tingħata għall-2012.

Kontrolli ex ante

35. Il-Qorti vvalutat il-kontrolli *ex ante* mill-uffiċjali awtorizzanti fil-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid u fid-delegazzjonijiet bħala parzjalment effettivi.

36. Minħabba l-ambjent ta' riskju għoli (ara l-paragrafu 8), l-arkitettura ta' kontroll tal-EuropeAid isserraħ l-aktar fuq kontrolli *ex ante* minn persunal tal-Kummissjoni, superviżuri esterni (għal kuntratti ta' xogħlijiet) jew awdituri esterni (għal stimi ta' programmi, għotjiet u kuntratti ta' servizz ibbażati fuq tariffi) qabel il-pagamenti finali għal proġetti. Filwaqt li jsibu u jikkoreġu ammonti sinifikanti ta' nefqa ineliġibbli, il-frekwenza ta' żbalji misjuba mill-Qorti, inklużi fi pretensjonijiet finali tan-nefqa li kienu ġew soġġetti għal verifiki esterni u verifikazzjonijiet tan-nefqa, tindika dgħufijiet f'dawn il-kontrolli *ex ante*.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

34. Il-bdil kbir li hemm fil-persunal ta' Aġenti Kuntrattwali fil-kwartieri ġenerali għandu jitnaqqas bid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti l-ġodda tal-persunal. Huwa mistenni li r-regolamenti l-ġodda tal-persunal se jipprevedu estensjoni tal-perjodu massimu ta' kuntratti ta' Aġenti Kuntrattwali ta' 2 jew 3 snin (jiġifieri minn 3 snin bħalissa għal perjodu ta' 5 jew 6 snin). Barra minn hekk, EuropeAid ingħatat il-possibbiltà li tikkonverti numru ta' krediti ta' Aġenti Kuntrattwali f'impjeggi ta' uffiċjali AD għall-2011, 2012 u 2013, u b'hekk issaħħaħ il-persunal permanenti.

Ir-riskji potenzjali relatati ma' riżorsi tal-persunal li ma jintużawx għall-għanijiet li għalihom kienu maħsuba tnaqqsu minn għadd ta' azzjonijiet inklużi gwida konġunta formali lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet SEAE-Kummissjoni, rappurtar speċifiku mir-riżorsi umani fil-qasam (fir-Rapporti dwar il-Ġestjoni tal-Għajnuna Esterna) u l-ippjanar tal-verifika interna fl-2012.

L-eżerċizzju ta' bilanċjar mill-ġdid tal-persunal fid-delegazzjonijiet huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-politika ġdida tal-iżvilupp, sabiex tkun tista' tiżdied is-sorveljanza fil-post, biex jiżdied l-għarfien tematiku u jkun hemm twassil tal-għajnuna b'mod effiċjenti. Ir-riżorsi umani probabbilment se jiġu rinforzati fl-Afrika u fir-reġjun tal-Viċinat'.

36. L-arkitettura tal-kontroll intern implimentata mill-EuropeAid biex tivverifika l-legalità u r-regolarità tan-nefqa hija bbażata fuq ix-xogħol tal-awdituri esterni, is-superviżuri tekniki u l-persunal tal-ġestjoni tal-proġett apparti l-kontrolli interni tal-Kummissjoni stess, fi ħdan il-qafas multiannwali. Il-Kummissjoni tagħraf li ċertu riskju residwu ta' żball jibqa' saħansitra wara t-tlestija ta' dawn il-kontrolli kollha. Madankollu, minħabba l-isfidi biex jitwettqu aktar kontrolli *ex ante* minħabba l-ispejjeż assoċjati u d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett, il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sistemi attwali tagħha sabiex tipprovi assicurazzjoni rago-nevoli bbażata fuq il-valutazzjoni tal-effettività tal-kost.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 24.

⁽²⁵⁾ Pp. 21, 37, 38 u 45.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

37. Il-Qorti tinnota li l-kontrolli tranżazzjonali *ex post* tal-EuropeAid sabu wkoll żbalji proċedurali fil-kontrolli *ex ante*, bħal listi ta' kontroll inkorretti jew neqsin, għal madwar 20 % tat-tranżazzjonijiet iċċekkjati⁽²⁶⁾. Is-Servizz tal-Awditjar (Verifika) Intern (IAS) sab ukoll dgħufijiet f'bosta safef ta' kontroll prinċipali li jikkonċernaw stimi ta' programmi u sejħiet għal proposti għal għotjiet tal-FEŻ⁽²⁷⁾.

Monitoraġġ u sorveljanza

38. Il-Qorti qieset il-monitoraġġ u s-sorveljanza bħala effettivi għall-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid u parzjalment effettivi għad-delegazzjonijiet.

Il-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid

39. FLulju 2011, taħt il-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, il-EuropeAid implimenta, għall-ewwel darba, il-verżjoni l-ġdida tar-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Assistenza Esterna (RĠAE) ta' kull sitt xhur ibbażat fuq indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni (KPIs) u dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni. Dan isaħħaħ l-irwol tal-RĠAE bħala l-għodda ta' obbligu ta' rendikont prinċipali bejn id-delegazzjonijiet u l-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid. Madankollu l-affidabbiltà tal-KPIs relatata ma' kontrolli finanzjarji hija milquta minn data impreċiża tal-CRIS⁽²⁸⁾. Barra minn hekk, ħafna indikaturi huma diffiċli li jiġu interpretati.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

37. Kontrolli *ex post* huma dejjem riferiti għal segwitu formali wara l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni rilevanti. Madankollu, l-iżbalji proċedurali ċitati (bħal listi ta' verifika inkorretti jew nieqsa) ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju kwantifikabbli.

Wara l-finalizzazzjoni tar-rapporti tal-verifika tal-IAS l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tinsab għaddejja fl-2012 biex tirispondi għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS u biex tnaqqas ir-riskji identifikati.

39. 39. Il-Kummissjoni tqis li wieħed mill-aktar modi effettivi biex tassigura li ttejjeb id-dejta tal-CRIS fil-perjodu medju u fit-tul huwa billi tagħmel aktar viżibbli għall-Kapijiet tad-Delegazzjoni l-konsegwenzi ta' input ta' dejta skorretta fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni (CRIS). Is-sistema l-ġdida EAMR tagħmel dan billi tuża d-dejta tal-CRIS biex "twassal" ir-rapporti regolari mid-delegazzjonijiet. Madankollu l-EAMR ġiet disinjata sabiex tipperemtti d-delegazzjonijiet biex jikkoreġu u jikkummentaw dwar ir-rappurtar ta' dejta, sabiex dejta skorretta ma 'tikkorompix' rappurtar preċiż iżda sservi biex tissottolinea jew tikkoreġi d-dejta u ttejjeb id-dħul matul iż-żmien. Anke waqt eżerċizzju tal-EAMR hu possibbli li tiġi aġġornata d-dejta jekk jinsab żball li huwa faċli li jiġi emendat mill-persunal tad-delegazzjoni. L-EAMR għalhekk tirappreżenta pass 'il quddiem strutturali bi tweġiba għas-sejbiet tal-Qorti dwar deficijenzi fil-kwalità tad-dejta CRIS (filwaqt li jitħallas il-prezz li l-iżbalji jkunu aktar "viżibbli" fuq perjodu ta' żmien qasir).

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-Qorti rigward l-utilità tal-indikaturi għal skopijiet ta' monitoraġġ. Il-KPIs ġew introdotti minn grupp ta' tmexxija li jirrappreżenta firxa wiesgħa ta' partijiet interessati u interessi għal rappurtar annwali dwar l-2011 (fl-2012). Il-KPIs huma sett ta' indikaturi f'format standardizzat li għandhom valur għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni fil-livell ta' delegazzjoni, reġjun, strument jew portafoll u – minħabba l-kumplessità tal-ambjent ta' żvilupp – jistgħu jkunu miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti f'bosta kuntesti differenti. Xi wħud għandhom miri kkwantifikati – abbażi ta' dejta storika mifhuma tajjeb – u xi wħud m'għandhomx.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 59(d)

⁽²⁶⁾ Ir-rapport ta' attività annwali, p. 33.

⁽²⁷⁾ Ir-rapport ta' attività annwali, p. 40.

⁽²⁸⁾ Is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

40. Fl-2011 il-EuropeAid għamel 15-il żjara ta' verifikazzjoni biex jiċċekkja l-adegwatezza tal-organizzazzjoni, tas-sistemi u tal-proċessi interni tad-delegazzjonijiet. Dawn iż-żjarat kienu utli biex jidentifikaw oqsma li kienu jeħtieġu titjib, bħall-insuffiċjenza tal-għarfien espert disponibbli, ix-xkiel lill-ħtiġijiet tat-taħriġ minħabba restrizzjonijiet tar-riżorsi umani u finanzjarji, *data* impreċiża tal-CRIS u monitoraġġ inadegwat tal-proġetti. Madankollu, verifika tal-IAS innutat li m'hemm ebda evidenza għal programm ta' żjara ta' verifikazzjoni annwali u formali ibbażat fuq valutazzjoni dokumentata tar-riskju. Barra minn dan, il-EuropeAid ma żviluppax proċeduri għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn dawn iż-żjarat ta' verifikazzjoni u r-rapport ta' attività annwali ma jagħti ebda informazzjoni f'dan ir-rigward ⁽²⁹⁾.

41. Il-kumpaniji tal-verifika li ffirmaw ftehimiet ta' kuntratti qafas mal-EuropeAid jipprovdu rapporti ta' sinteżi annwali dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-verifika tagħhom. Dawn ir-rapporti jagħtu informazzjoni siewja dwar id-dgħufijiet sistemiċi u l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni jew għattnaqqis ta' nefqa ineliġibbli. Abbażi ta' dan, f'Janar 2011 il-EuropeAid ħareġ il-*"Sett ta' Għodod ta' Ġestjoni Finanzjarja għal dawk li jirċievu fondi tal-UE għal azzjonijiet esterni"* biex itejjeb l-għarfien tagħhom dwar ir-regoli ta' ġestjoni finanzjarja u ta' eliġibbiltà.

42. Il-kwalità tal-verifiki u l-verifikazzjonijiet esterni kkuntrattati mill-Kummissjoni hija soġġetta għal analiżi mill-EuropeAid, li r-riżultati tagħha jiġu ppreżentati frapport annwali. Ir-rapport ta' attività annwali ma jagħtix informazzjoni dwar ir-riżultati ta' din l-analiżi ⁽³⁰⁾.

43. Il-moduli tal-verifika u tal-irkupru tas-sistema ta' informazzjoni CRIS kienu kollegati fl-2011 ⁽³¹⁾. Dan huwa titjib sinifikanti iżda għadu ma jagħtix informazzjoni kompleta u preċiża dwar ir-riżultati u s-segwitu tal-kontrolli *ex ante* kollha:

(a) il-CRIS-Audit ma tagħtix informazzjoni dwar l-ammonti eventwalment meqjusa ineliġibbli mill-EuropeAid;

⁽²⁹⁾ P. 38.

⁽³⁰⁾ P. 30.

⁽³¹⁾ Kif iddikjarat fir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafi 42 u 63(c) tar-Rapport Annwali tal-Qorti 2010.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

40. Ittieħdet azzjoni fir-rigward tal-verifika tal-IAS imsemmija biex jiġi żgurat proċess ta' pjanar aktar formalizzat għal missjonijiet ta' verifika tad-delegazzjoni.

Għall-futur, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk l-iskop u l-għanijiet speċifiċi tad-delegazzjoni tal-EuropeAid għall-missjonijiet ta' verifika għandhomx bżonn jiġu eżaminati mill-ġdid u jekk l-istrateġija attwali bbażata fuq ir-riskju biex jintgħażlu d-delegazzjonijiet tistax tiġi kkumplementata bi kriterji tal-għażla addizzjonali.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 59(b)

42. Il-Kummissjoni ma ffinalizzatx reviżjoni tal-kwalità tal-verifika tal-2011 fill-EuropeAid kif sar għall-2010, għalhekk b'mod ċar ma setgħetx tidher fir-Rapport Annwali tal-Attività. Fi kwalunkwe każ, ir-rapport tal-kwalità tal-verifika tal-2010 ma kien is-suġġett ta' ebda test fl-AAR tal-2010, mhux l-inqas meta wieħed iqis li l-istruzzjonijiet permanenti tal-AAR ma jeħtieġux l-inklużjoni tiegħu.

43. Il-Kummissjoni bħalissa mhijiex fpożizzjoni li tipprovi u żżomm ir-riżorsi addizzjonali meħtieġa għal aktar proċessar sinifikanti tad-dejta tal-ġestjoni finanzjarja. Barra minn hekk, bħalissa hija impenjata fi proċess ta' simplifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IT kollha tal-Kummissjoni.

(a) Il-modulu tal-verifika tas-sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-għajnuna esterna (CRIS) ġie mfassal biex jippjana, u jirreġistra r-riżultati tal-verifiki esterni minflok isegwi verifika magħmula mill-Kummissjoni. Madankollu l-Kummissjoni tixtieq tkun tista' tiżviluppa din il-funzjonalità fuq perjodu ta' żmien medju, jekk jippermettu r-riżorsi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) il-CRIS ma tagħtix informazzjoni kompleta dwar l-ammonti misjuba ineliġibbli u kkoreġuti mill-kontrolli *ex ante* proprji tal-Kummissjoni ⁽³²⁾; u

(c) il-preċiżjoni tad-*data* tal-CRIS għadha problematika, skont kif ġie instab mill-kontrolli *ex post* proprji tal-EuropeAid.

Delegazzjonijiet

44. Bħal fi snin preċedenti, il-Qorti sabet kontrolli ddokumentati b'mod fqir u ineffettivi għand il-biċċa l-kbira tal-uffiċjali awtorizzanti nazzjonali f'pajjiżi benefiċjarji tal-FEŻ. Il-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid u d-delegazzjonijiet ta' sikwit ipprovdew assistenza teknika għat-titjib ta' dawn il-kontrolli, iżda dan ma jstax ipatti għad-dgħufijiet ta' bażi.

45. Il-biċċa l-kbira mid-delegazzjonijiet miżjura mill-Qorti fl-2011 ma wettqux għażla u ppjanar, ibbażati fuq ir-riskju, ta' żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post. Il-missjonijiet ta' verifikazzjoni mill-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid (ara l-paragrafu 40) sabu li d-delegazzjonijiet ta' sikwit kellhom iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet ta' riżorsi fuq il-baġits għall-persunal u għall-missjonijiet. Dan illimita l-kapaċità tagħhom li jwettqu attivitajiet ta' monitoraġġ, bħal monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post, partikolarment f'dak li jirrigwarda aspetti finanzjarji. Din is-sitwazzjoni ma ttejbix bir-riorganizzazzjoni importanti li seħħet fl-2011 u bl-użu ta' riżorsi għal kompiti li ma jinkludux il-ġestjoni tal-għajnuna (ara l-paragrafi 6 u 34).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(b) Il-CRIS tipprovdri informazzjoni robusta u adegwata dwar ammonti meġjusa ineliġibbli fl-ipproċessar tat-talbiet, inkluż il-kategorizzazzjoni bażika ta' ammonti ineliġibbli. Madankollu l-kuntratturi spiss jibagħtu fattura ta' sostituzzjoni (minflok nota ta' kreditu u fattura ġdida) ladarba l-Kummissjoni tavżahom bl-iżbalji misjuba, u għalhekk mhux l-interventi effikaċi kollha mill-persunal tal-Kummissjoni fis-sejba tal-iżbalji jistgħu jinqabdu fis-sistema tal-kontabbiltà. Informazzjoni eżawjenti dwar ir-riżultati u s-segwitu tal-kontrolli *ex ante* jassorbu riżorsi sinifikanti b'benefiċċju limitat u huma għalhekk meġjusa mhux effettivi f'termini tal-ispiża.

(c) Għalkemm l-iżbalji ta' kodifikazzjoni li nstabu ma kellhom l-ebda impatt materjali fuq il-kontijiet annwali, il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti biex tkompli ttejjeb il-kwalità tad-dejta miżmuma fis-sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-għajnuna esterna (CRIS).EuropeAid se tniedi mill-ġdid l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tad-dejta CRIS fl-2012.

44. Il-Kummissjoni hija konxja li l-amministrazzjonijiet nazzjonali ma jsegwux sistematikament l-istandards meħtieġa ta' ġestjoni finanzjarja u għalhekk jimplimentaw il-biċċa l-kbira tal-proġett ta' appoġġ taħt ġestjoni parzjalment deċentralizzata, b'kontrolli *ex ante* mwettqa mid-Delegazzjonijiet tagħha fuq il-parti l-kbira tal-portafoll. Il-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Uffiċjali Nazzjonali ta' Awtorizzazzjoni permezz ta' sforz sinifikanti ta' taħriġ.

45. Il-prijoritizzazzjoni ta' riżorsi limitati hija ċarament fattur ewlieni fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' monitoraġġ fuq il-post f'delegazzjoni. Tabilħaqq, peress li ħafna żjarat ta' sorveljanza fuq il-post isiru minn persunal operattiv u mhumiex primarjament għall-iskop ta' kontrolli finanzjarji, ir-riskju fiit li xejn huwa l-iktar fattur importanti fl-ippjanar ta' tali żjarat fuq il-post. Żjarat fuq il-post huma wieħed mill-elementi li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' insewiment slimkien ma' — *inter alia* — rapporti ta' implimentazzjoni, il-kuntatti mal-benefiċjarji, rapporti ta' Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati, evalwazzjonijiet u verifiki.

Rigward l-użu tar-riżorsi għall-kompiti barra mill-ġestjoni tal-għajnuna, l-istruzzjonijiet intbagħtu lid-delegazzjonijiet f'Diċembru 2011 f'komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u s-SEAE biex jiċċaraw il-possibbiltajiet għal u l-limitazzjonijiet fuq il-“flessibbiltà” fl-użu tal-persunal.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 59(b)

⁽³²⁾ Eż. każijiet ta' fatturi mogħtija lura lill-benefiċjarji jew lill-kuntratturi għal korrezzjoni jew fatturi mħallsa, li jinkludu nefqa ineliġibbli identifikata li għaliha trid issir korrezzjoni ffattura sussegwenti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Verifiki esterni

46. Il-Qorti vvalutat il-funzjoni ta' verifika esterna bħala effettiva fir-rigward tal-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid, u parzjalment effettiva fir-rigward tad-delegazzjonijiet.

47. Il-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid żviluppaw metodoloġija dwar l-istruttura, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-pjanijiet tal-verifika annwali. Huma jimmonitorjaw mill-qrib il-funzjonijiet ta' verifika esterna tad-delegazzjonijiet u l-kwalità ta' verifiki esterni mwettqa taħt il-kuntratt qafas tal-verifika tal-Kummissjoni.

48. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-delegazzjonijiet ġestew il-verifiki esterni tagħhom skont il-metodoloġija applikabbli. Il-pjanijiet tal-verifika ġew stabbiliti skont il-linji gwida u implimentati fil-ħin u ttieħdu passi fuq is-sejbiet tal-verifika, partikolarment permezz ta' rkupri u tnaqqis minn pagamenti sussegwenti. Madankollu l-Qorti sabet li kien għad hemm oqsma fejn kien jinħtieġ it-titjib. Kif ġie indikat fi snin preċedenti ⁽³³⁾, il-verifiki bbażati fuq ir-riskju ma ntgħażlux dejjem abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju dokumentata u kienu inqas milli meħtieġ minħabba restrizzjonijiet tal-persunal u l-prijorità li kellha tingħata lil verifiki obbligatorji. Fxi każijiet, kien hemm dewmien fil-proċess ta' approvazzjoni tal-verifika, li seta' jwassal biex in-nefqa ineliġibbli ma tkunx tista' tiġi rkuprata.

Verifika Interna

49. Il-Qorti vvalutat il-verifika interna bħala parzjalment effettiva.

50. Ir-riorganizzazzjoni tal-Kummissjoni li seħħet fl-2011 (ara l-paragrafi 6 u 34) kellha impatt kbir fuq l-attività tal-Kapaċità tal-Awditjar (Verifika) Intern (IAC) ⁽³⁴⁾. Kien hemm bidla kbira fil-persunal tal-unità u l-biċċa l-kbira mill-membri ġodda tal-persunal ma kellhom l-ebda esperjenza fil-verifika. L-IAC setgħet timplimenta biss madwar nofs il-pjan ta' ħidma annwali inizjali tagħha. Dan ma jissemmiex fir-rapport ta' attività annwali ⁽³⁵⁾.

48. *Filwaqt li huwa minnu li n-nuqqas ta' persunal jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tul tal-proċess tal-approvazzjoni tal-verifika, ir-rapporti kollha obbligatorji tal-verifika jridu jaslu qabel ma l-Kummissjoni tagħmel il-ħlas aħħari u għalhekk ir-riskju li l-fondi jsiru irrikoverabbli huwa ferm limitat.*

50. *Il-Pjan ta' Ħidma Annwali tal-2011 ġie implimentat biss b'mod parzjali għal raġunijiet ovvi, peress li bħala riżultat tar-riorganizzazzjoni tal-EuropeAid f'Ġunju, Pjan ta' Ħidma Annwali li huwa kompletament ġdid kellu jiġi stabbilit għall-unità tal-verifika interna l-ġdida fil-bidu ta' Lulju 2011. Dan il-pjan ta' ħidma ġdid kellu jieħu kont tal-bidliet lid-Direttorat Ġenerali u l-qagħda tal-persunal il-ġdida fl-IAC li jeħtieġ taħriġ estensiv fil-verifika.*

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 59(e).

⁽³³⁾ Il-paragrafu 45 tar-Rapport Annwali 2009 u l-paragrafu 48 tar-Rapport Annwali 2010.

⁽³⁴⁾ L-IAC hija unità ta' Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. Hija ġestita minn Kap tal-Unità li jirrapporta direttament lid-Direttur Ġenerali. Il-kompitu tagħha huwa li tipprovdi assigurazzjoni indipendenti dwar l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern bil-ħsieb li ttejjeb l-operazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali.

⁽³⁵⁾ Pp. 39 u 40.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

51. Fl-2011 is-Servizz tal-Awditjar (Verifika) Intern (IAS) ⁽³⁶⁾ iffinalizza żewġ verifiki dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-istimi ta' programmi u tal-għotjiet tal-FEŻ. Is-sejbiet tiegħu jaqblu ma' dawk tal-Qorti fir-rigward ta' dgħufijiet fil-kontrolli *ex ante* (ara l-paragrafu 36).

Affidabbiltà tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tal-Kummissjoni

52. Id-Direttur Ġenerali jiddikjara ⁽³⁷⁾ li huwa kiseb assigurazzjoni raġonevoli illi l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji neċessarji dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Ir-rapport ta' attività annwali ma fih l-ebda riżerva. Minflok, huwa jiddikjara ⁽³⁸⁾ li, b'kunsiderazzjoni għat-tfassil u r-riżultati tal-arkitektura tal-kontroll multiannwali tiegħu, il-EuropeAid ma jemminx li r-rata ta' żball residwu – ladarba jkunu ġew applikati l-kontrolli tiegħu kollha – hija materjali. Dan jikkuntrasta mar-rata ta' żball materjali, il-frekwenza għolja ta' żball u s-sistemi parzjalment effettivi misjuba mill-Qorti għall-2011.

53. L-analiżi mill-Qorti tar-rapport ta' attività annwali turi li:

- (a) mhijiex ippreżentata evidenza biex tappoġġa l-kontenzjoni li r-rata ta' żball residwu hija taħt it-2 %;
- (b) huwa espress tħassib qawwi dwar l-adeqgatezza tar-riżorsi tal-persunal għall-ġestjoni tal-għajnuna (ara l-paragrafu 34);
u

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

51. Ara t-tweġiba għall-paragrafu 36.

52. Il-metodoloġija tal-Qorti għall-istima tar-rata tal-iżball annwali l-aktar probabbli u l-frekwenza tal-iżball għall-FEŻ ma tistax titqabbel direttament mal-kriterji għall-ammont residwali ta' riskju (ladarba jkunu tlestew il-kontrolli multiannwali) li huwa fattur ewlieni fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali relatata mal-portafoll tal-EuropeAid bħala entità sħiħa ffinanzjata mill-FEŻ u mill-Baġit tal-UE. Il-Kummissjoni tinnotta li l-istima tar-rata tal-iżball annwali tal-Qorti l-aktar probabbli għall-għajnuna esterna taħt il-baġit tal-UE – il-proporzjon il-kbir tal-portafoll - ilha taħt il-materjalità għall-2010 u l-2011, kif kienu l-FEŻ fl-2009.

Ara wkoll it-tweġibiet għal paragrafi 57 u 58(a).

53.

(a) Ara t-tweġiba għall-paragrafu 58(a).

(b) Issa għaddew iktar minn 10 snin minn mindu ġie varat il-proċess ta' devoluzzjoni. Il-Kummissjoni għamlet rendikont tar-riżultati ferm pożittivi tagħha iżda saret ukoll konxja ta' żbilanċi li feġġu matul iż-żmien u kellhom bżonn jiġu kkoreġuti. F'konformità mal-Komunikazzjoni "Aġenda" għall-Bidla u wara l-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol tal-persunal tal-EuropeAid fid-Delegazzjonijiet tal-UE li twettqet fl-2011, rapport dwar l-użu tar-riżorsi tal-Kummissjoni fid-Delegazzjonijiet tal-UE ġie sottomess lis-Segretarju Ġenerali fit-12/03/2012 u ġie preżentat lill-Grupp tal-Kummissarju dwar ir-Relazzjonijiet Esterni. Huwa jinvolvi konklużjonijiet dwar l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-persunal bejn id-Delegazzjonijiet biex jinqadew aħjar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-EuropeAid bir-riżorsi eżistenti. Il-konklużjonijiet se jiġu/kienu sottomessi għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni fl-Lulju 2012.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 34.

⁽³⁶⁾ L-IAS huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. Huwa mmexxi mill-Awditur Intern tal-Kummissjoni u jirrapporta lill-Kumitat dwar il-Progress tal-Awditjar (Verifika). Il-kompitu tiegħu huwa li jipprovdi assigurazzjoni indipendenti dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern u li jgħin lill-Kummissjoni permezz ta' opinjonijiet, pariri u rakkomandazzjonijiet.

⁽³⁷⁾ P. 47.

⁽³⁸⁾ P. 46.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

- (c) id-dgħufijiet tal-kontrolli huma identifikati kemm mill-IAS kif ukoll mill-kontrolli tranżazzjonali *ex post* proprji tal-EuropeAid (ara l-paragrafi 37 u 51).

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet*Konklużjonijiet*

54. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tad-dħul u l-infiq tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità.

55. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti tikkonkludi li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011:

- (a) id-dħul tal-FEŻ kien ħieles minn żball materjali;
- (b) l-impenji globali li għalihom kienu daħlu l-FEŻ kienu ħielsa minn żball materjali; u
- (c) il-pagamenti magħmula mill-FEŻ kienu milquta minn żball materjali (ara l-paragrafi 24 sa 30).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

- (c) Kemm il-proċess tal-verifika interna kif ukoll il-kontrolli tranżazzjonali *ex post* huma maħsuba biex jindikaw eżatt id-dgħufijiet fil-kontrolli u huma s-suġġett ta' segwitu estensiv, inkluż pjanijiet ta' azzjoni formali.

54. Il-Kummissjoni tilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pożittiva tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ.

55.

- (c) Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha biex tipprevjeni, tiskopri u tikkoreġi tali żbalji fl-2012.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza l-multiannwalità tal-arkitettura ta' kontroll tal-EuropeAid li jfisser li xi żbalji enfasizzati mill-Qorti kienu se jiġu korretti f'perjodu aktar tard fi ħdan iċ-ċiklu normali ta' kontrolli tal-għajnuna esterna. Kważi żewġ terzi tal-pagamenti fil-kampjun jirrigwardaw tranżazzjonijiet bħal ħlasijiet interim jew approvazzjonijiet li għalihom il-kontrolli u l-korrezzjonijiet għad jistgħu jsiru fil-ħlasijiet finali. Barra minn hekk, il-monitoraġġ tal-Kummissjoni tan-nesqa fuq l-għajnuna esterna ma jispiċċax mal-ħlasijiet finali. Programm estensiv ta' verifiki *ex post* huwa ġestit mill-EuropeAid u l-ECHO fuq bażi annwali, fuq il-baży ta' proċess ta' valutazzjoni tar-riskju formali.

Madankollu, minħabba l-ambjent ta' riskju għoli li fi h joperaw l-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja, ir-riskju ta' żball finanzjarju ma jistgħax realistikament jitnaqqas għal zero.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

56. Abbażi tax-xogħol tal-verifika tagħha, il-Qorti sabet li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-EuropeAid li ġew eżaminati kienu parzjalment effettivi (ara l-paragrafi 31 sa 53).

57. Il-Qorti tikkonkludi li l-kwalità tad-*data* tal-CRIS tibqa' sors ta' tħassib u hija tolqot kemm il-preċiżjoni tad-*data* użata għat-tħejjija tal-kontijiet annwali (ara l-paragrafu 20) kif ukoll l-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll (ara l-paragrafi 39, 40 u 43) ⁽³⁹⁾.

Rakkomandazzjonijiet

58. L-**Annex 3** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rapporti Annwali 2009 tagħha. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu nnutati:

- (a) il-EuropeAid għamel progress sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Dan huwa l-każ b'mod notevoli f'dak li huwa relatat mal-iżvilupp tal-metodoloġija għall-istima tar-rata ta' żball residwu, mat-tixrid tal-għodda ta' ġestjoni finanzjarja biex jittejjeb l-għarfien tal-benefiċjarji dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà, mal-ippjanar u l-monitoraġġ ta' verifiki u mal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għall-appoġġ baġitarju;
- (b) jinħtieġu aktar sforzi biex jiġu implimentati għalkollox ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti dwar il-kwalità tad-*data* tal-CRIS, is-segwitu tas-sejbiet tal-verifika u r-rakkomandazzjonijiet u l-valutazzjoni tal-kosteffettività tas-sistema ta' kontroll *ex post* tranżazzjonali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

56. Il-Kummissjoni fasslet il-kontrolli tagħha biex ikopru ċ-ċiklu kollu tal-*ħajja* tal-proġetti multiannwali tagħha. Hija temmen li dawn is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma effettivi u tjebe b'mod sinifikanti sena wara sena, u qed ikopru kemm l-operat tal-FEŻ kif ukoll l-attivitajiet ifffinanzjati mill-Baġit tal-UE. Minkejja l-isfidi ta' ambjent b'riskju għoli tal-*għajnuna* esterna, l-istima tar-rata tal-iżbalji annwali tal-Qorti l-aktar probabbli għall-*għajnuna* esterna taħt il-baġit tal-UE kienet taħt il-materjalità għall-2010 u 2011, u kienet taħt il-materjalità rigward il-FEŻ fl-2009.

57. Il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti biex tkompli ttejjeb il-kwalità tad-*dejta* miżmuma fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni dwar l-*għajnuna* esterna (CRIS). Madankollu, kif ġie ddikjarat mill-Qorti fil-paragrafu 20, l-iżbalji ta' kodifikazzjoni ma kellhom l-ebda impatt materjali fuq il-kontijiet annwali.

58. B'referenza partikolari għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond ta' Żvilupp Ewropew ⁽³⁾ u fid-dawl tat-tnaqqis propost tar-riżorsi disponibbli tagħha, il-Kummissjoni se tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti qabel ma tieħu u/jew ttipponi azzjoni xierqa.

- (a) Ir-riżultati tal-Kummissjoni għall-istima tar-rata ta' żball residwali tal-EuropeAid jiġifieri l-impatt finanzjarju tal-iżbalji li jifdal wara li jitlestew il-kontrolli kollha ppjanati, se jkunu disponibbli fil-bidu tal-2013 għall-perjodu ta' rappurtar tal-2012.
- (b) Il-EuropeAid se tniedi mill-ġdid l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tad-*dejta* CRIS fl-2012 u torbot aħjar is-sejbiet finanzjarji tal-verifika mal-irkupru tal-fondi. Is-sistema tat-tranżazzjonijiet *ex post* ġiet sospiża fl-2012.

⁽³⁹⁾ Ara wkoll ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 5/2012 "Is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Esterni (CRIS)". (<http://eca.europa.eu>).

⁽³⁾ Artikoli 11 - 13

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

59. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2011, il-Qorti tirrakkomanda li l-EuropeAid:

- (a) itejjeb il-ġestjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, billi jstabilixxi kriterji ta' għażla ċari u billi jiddokumenta l-proċess ta' evalwazzjoni b'mod aħjar (ara l-paragrafu 28(b));
- (b) jintroduċi ppjanar dokumentat u bbażat fuq ir-riskju, u segwitu sistematiku għal żjarat ta' verifikazzjoni (ara l-paragrafu 40) u żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post (ara l-paragrafu 45);
- (c) jirrendi obbligatori l-linji gwida fuq l-analiżi tar-riskju għat-tħejija ta' pjanijiet tal-verifika annwali mid-delegazzjonijiet u mill-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid (ara l-paragrafu 48);
- (d) janalizza t-tfassil tal-KPIs biex jiżgura li dawn mhumiex ambigwi u li huwa faċli li jiġu interpretati (ara l-paragrafu 39);
- (e) jivvaluta l-kapaċità tal-IAC biex twettaq il-kompitu tagħha b'mod effettiv (ara l-paragrafu 50).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

59.

- (a) Il-Kummissjoni se tnedi proċess maħsub biex titgħallem mill-iżbalji misjuba mill-Qorti fil-proċess tal-għoti tal-kuntratti u se tinħareġ reviżjoni tal-Gwida Prattika għall-Kuntratti fl-2013.
- (b) Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk l-iskop u l-għanijiet speċifiċi tal-missjonijiet ta' verifika tad-delegazzjoni tal-EuropeAid għandhomx bżonn jiġu eżaminati mill-ġdid.

Il-EuropeAid se tintroduċi valutazzjoni aktar formali u proċess tal-ippjanar annwali kemm għall-missjonijiet ta' verifika għad-delegazzjonijiet kif ukoll monitoraġġ fuq il-post tal-proġetti. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-proċess tal-għażla attwali bbażat fuq ir-riskju jista' jiġi kkumplimentat bi kriterji tal-għażla addizzjonali.

Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 40.

- (c) Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tagħmel obbligatori l-metodoloġija tal-analiżi tar-riskju fl-ippjanar tal-verifika tal-EuropeAid għall-perjodu mill-2013 'il quddiem.
- (d) Il-Kummissjoni mhix kapaċi tirrevedi l-Indikaturi tal-Prestazzjoni Ewlenin tal-EuropeAid fil-perjodu ta' żmien immedjat jew dak medju. Il-KPIs ġew introdotti (minn grupp ta' tmexxija li jirrappreżenta firxa wiesgħa ta' interessi u partijiet interessati) għar-rappurtar annwali fuq l-2011 (fl-2012) u l-Kummissjoni għad m'għandhiex biżżejjed informazzjoni jew analiżi tas-sett tad-dejta. Madankollu huma jistgħu jeħtieġu aġġustament minn żmien għal żmien ladarba s-sistema l-ġdida ta' rappurtar tkun fis-seħħ.
- (e) Il-Kummissjoni se tevalwa l-kapaċità tal-Unità ta' Verifika Interna tal-EuropeAid (IAC) u tikkunsidra tisħiħ potenzjali jekk jinstab li jkun meħtieġ.

Minħabba l-impenn li tnaqqas il-persunal globali tagħha, il-EuropeAid se tħares l-ewwel nett lejn il-possibiltajiet li ssaħħaħ l-għarfien espert disponibbli.

ANNEX 1

RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP

	2011			2010	2009	2008
	Proġetti	Appoġġ Baġitarju	Total			
DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN						
Total tal-Impenji	27	3	30	30	50	45
Total tat-tranżazzjonijiet (li minnhom):	133	30	163	165	170	170
Pagamenti bil-quddiem	0	0	0	0	0	40
Pagamenti interim/finali	133	30	163	165	170	130
RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR ⁽¹⁾ ⁽²⁾						
Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:						
Ħielsa minn żball	65 % (86)	77 % (23)	67 % (109)	73 %	78 %	76 %
Milquta minn żball wieħed jew aktar	35 % (47)	23 % (7)	33 % (54)	27 %	22 %	24 %
Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball						
Analiżi skont it-tip ta' żball						
Żbalji mhux kwantifikabbli:	38 % (18)	100 % (7)	46 % (25)	49 %	65 %	61 %
Żbalji kwantifikabbli:	62 % (29)	0 % (0)	54 % (29)	51 %	35 %	39 %
Eliġibbiltà	52 % (15)	0 % (0)	52 % (15)	70 %	23 %	44 %
Okkorrenza	38 % (11)	0 % (0)	38 % (11)	17 %	23 %	38 %
Preċiżjoni	10 % (3)	0 % (0)	10 % (3)	13 %	54 %	19 %
IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBILI						
Rata tal-iżball l-aktar probabbli				5,1 %		
Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL)				8,1 %		
Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL)				2,0 %		
⁽¹⁾ Biex jittejeb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili tar-riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti. ⁽²⁾ Numri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali ta' tranżazzjonijiet.						

ANNEX 2

RIŻULTATI TAL-EŻAMINAZZJONI TAS-SISTEMI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U L-GĦAJNUNA
GĦALL-IŻVILUPP TAĦT IL-BAĠIT ĠENERALI

Valutazzjoni tas-sistemi eżaminati

Sistema kkonċernata	Kontrolli <i>ex ante</i>	Monitoraġġ u sorveljanza	Verifiki esterni	Verifiki interni	Valutazzjoni ġenerali
Sistemi ċentrali EuropeAid	Parzjalment effettivi	Effettivi	Effettivi	Parzjalment effettivi	Parzjalment effettivi
Delegazzjonijiet	Parzjalment effettivi	Parzjalment effettivi	Parzjalment effettivi	M/A	Parzjalment effettivi

ANNEX 3

SEGWITU TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP

Sena	Rakkomandazzjoni tal-Qorti	Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar	Risposta tal-Kummissjoni
2009	Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest tar-reviżjoni pjanata tiegħu tal-istrateġija ta' kontrolli ġenerali tiegħu, jiżviluppa indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żbalji residwi wara li l-kontrolli kollha <i>ex-ante</i> u <i>ex-post</i> ikunu ġew implimentati, ibbażat pereżempju fuq eżaminazzjoni ta' kampjun statistiku rappreżentattiv ta' proġetti magħluqa (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 54(a)).	Il-EuropeAid adotta metodoloġija biex tiġi stmata r-rata ta' żball residwu u kkuntratta ditta tal-verifika esterna biex twettaq dan ix-xogħol. Ir-riżultati tal-ewwel eżerċizzju għandhom ikunu disponibbli biex jitqiesu fir-RAA 2012 tal-EuropeAid.	L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni tinsab għaddejja. Il-ħidma tal-Kummissjoni tinsab fit-triq it-tajba b'raba mal-istabbiliment tar-rata ta' żball residwali għall-portafoll tal-EuropeAid
	Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni, jivvaluta l-effettività tal-ispejjeż tad-diversi kontrolli, speċjalment tas-sistema ta' kontrolli tranżazzjonali <i>ex post</i> (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 54(b)).	Fir-risposti tagħha għar-Rapport Annwali 2010, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet bdiet il-ħidma fuq il-kosteffettività tal-kontrolli fl-2010. Din il-ħidma kellha tiġi analizzata u varata mill-ġdid fl-2011/2012 fil-kuntest tar-riżultat finali tar-reviżjoni attwali tar-Regolament Finanzjarju. Sar progress limitat fl-2011.	L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni tinsab għaddejja. Il-progress kien fil-fatt sar fl-2011 b'relazzjoni mal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli kif stipulat fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2011 li jagħti dettalji dwar l-ispejjeż ta' ħafna kontrolli interni (eżempju. verifiki, taħriġ, kontrolli <i>ex post</i>) u rapporti dwar modi ġodda u innovattivi biex jitkejlu l-benefiċċji bħal indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni meħuda mid-dejta CRIS u testijiet qabel u wara t-taħriġ. Analiżi tal-benefiċċju tal-ispiża pereżempju wasslet għas-sospensjoni ta' kontrolli <i>ex post</i> tranżazzjonali fl-2012.
	Il-EuropeAid għandu jiffinalizza u jxerred is-sett ta' għodod tal-ġestjoni finanzjarja b'mira lejn ir-riskju għoli inerenti ta' żbalji fil-livell ta' organizzazzjonijiet implimentattivi, kuntratturi u benefiċjarji biex jiżgura għarfien adegwat tal-ġestjoni finanzjarja u r-regoli tal-eliġibbiltà (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 54(c)).	Is-Sett ta' Għodod Finanzjarju ġie finalizzat u disseminat fl-ewwel parti tal-2011.	Il-Kummissjoni temmen li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata kompletament.
	Il-EuropeAid għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-Delegazzjonijiet jirreġistraw id-data fil-Verifika CRIS b'mod komprensiv u fwaqtu (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 54(d)).	Il-kwalità tad-data tal-CRIS tibqa' kwistjoni pendenti. Il-EuropeAid iddikjarja l-intenzjoni tiegħu li jerġa' jvara l-isforzi tiegħu fl-2012.	L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni tinsab għaddejja. Il-Kummissjoni tikkondividi t-tħassib tal-Qorti biex tkompli ttejjeb il-kwalità tad-dejta miżmuma fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni dwar l-għajjnuna esterna (CRIS). EuropeAid se tnedi mill-ġdid l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tad-dejta CRIS fl-2012.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-Qorti	Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar	Risposta tal-Kummissjoni
	It-tfassil tal-Verifika CRIS (CRIS-Audit) għandu jiġi modifikat biex jipprovdi informazzjoni dwar l-ammonti tan-nefqa finali ineliġibbli u l-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula wara li jkun tlesta l-proċess tal-approvazzjoni tal-verifika ma' min ikun qed jiġi vverifikat (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 54(e)).	<p>Bħalma ġie indikat fir-risposta tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti, il-moduli tal-verifika u tal-irkupru tas-sistema ta' informazzjoni CRIS kienu kollegati fl-2011. Dan huwa titjib sinifikanti iżda għadu ma jagħtix informazzjoni kompleta dwar ir-riżultati u s-segwitu ta' verifiki.</p> <p>Il-CRIS-Audit għadha ma tagħtix informazzjoni dwar l-ammonti eventwalment meqjusa ineliġibbli mill-EuropeAid wara l-proċess kontradittorju mal-benefiċjarji, inkluż fir-rigward ta' ammonti li l-awdituri qiesu li kienu jeħtieġu aktar kunsiderazzjoni mill-EuropeAid;</p>	<i>Il-modulu tal-verifika tas-sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-ghajjnuna esterna (CRIS) ġie mfassal biex jippjana, u jirreġistra r-riżultati tal-verifiki esterni minflok isegwi verifika magħmula mill-Kummissjoni. Madankollu l-Kummissjoni tixtieq tkun tista' tiżviluppa din il-funzjonalità fuq perjodu ta' żmien medju, jekk jippermettu r-riżorsi.</i>
2009	Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet speċifiċi għal porzjonijiet varjabbli bbażati fuq il-prestazzjoni jspeċifikaw b'mod ċar l-indikaturi, il-miri, il-metodi tal-kalkolu u s-sorsi tal-verifikazzjoni (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 55(a)).	Din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata għalkollox.	
	Il-EuropeAid għandu jiżgura li r-rapporti tad-Delegazzjonijiet jipprovdu dimostrazzjoni strutturata u formalizzata tal-progress tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi billi jstabilixxi b'mod ċar il-kriterji li fuqhom kellu jiġi vvalutat il-progress (jiġifieri r-riżultati li l-Gvern benefiċjarju kellu jikseb matul il-perjodu kkonċernat), il-progress li sar u r-raġunijiet li għalihom il-programm ta' riforma seta' ma ġiex implimentat skont il-pjan (ir-Rapport Annwali 2009, il-paragrafu 55(b)).	Il-kwalità tal-valutazzjoni tal-kriterju ta' eliġibbiltà ġenerali tal-PFM tjebet minn meta ġiet introdott il-format ġdid ta' rappurtar għar-Rapporti ta' Monitoraġġ Annwali tal-PFM tad-Delegazzjoni fl-2010. Madankollu l-Qorti xorta waħda sabet każijiet fl-2011 fejn din il-valutazzjoni ma kinitx strukturata u formalizzata biżżejjed, peress li l-kisbiet tal-PFM ma tqabblux mal-obiettivi/miri stabbiliti għall-perjodu ta' referenza.	<i>Il-Kummissjoni temmen li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata kompletament. Madankollu se jkompli jsiru sforzi għal titjib fil-qafas tal-prestazzjoni tal-appoġġ baġitarju, notevolment fir-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju li mistenni joħroġ fl-2012.</i>